

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/781**tat-12 ta' Ġunju 2020****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/545 fir-rigward tad-dati ta' applikazzjoni u ta' ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali wara l-estensjoni tal-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(9) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2016/797 ġiet emendata bid-Direttiva (UE) 2020/700 ⁽²⁾ biex l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jestendu l-iskadenza għad-dħul fis-seħħ tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali meħtieġa għall-konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 57(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797.
- (2) Il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tat-tip ta' vettura jew għal awtorizzazzjoni ta' vettura għat-tqegħid fis-suq skont id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, li għaliha kellhom jinħarġu l-awtorizzazzjonijiet rilevanti qabel is-16 ta' Ġunju 2020, jaf tittardja minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19. Għalhekk, fl-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797 u meta d-Direttiva (UE) 2016/797 trid tapplika mis-16 ta' Ġunju 2020, jenħtieġ li l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza ("l-NSA"), wara talba tal-applikant, tkompli l-valutazzjoni wara dik id-data. L-NSA jenħtieġ tiffinalizza dik il-valutazzjoni u toħroġ l-awtorizzazzjoni qabel it-30 ta' Ottubru 2020.
- (3) Fir-rigward tal-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji ("l-Aġenzija") u lill-Kummissjoni li beħsiebhom jestendu l-perjodu tat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/797 skont l-Artikolu 57 (2a) tagħha, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/545 ⁽⁴⁾ tiġi posposta u tapplika mill-31 ta' Ottubru 2020. Jenħtieġ jiġu adattati wkoll id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/545.
- (4) L-applikanti setgħu jagħmlu l-applikazzjonijiet skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/545 fid-dawl tal-iskadenza tal-applikazzjoni attwali. Għall-finijiet tad-Direttiva 2008/57/KE u anki tad-Direttiva (UE) 2016/797, il-vetturi jridu jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà u mar-regoli nazzjonali rilevanti u jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali. L-applikazzjonijiet li jsiru skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/545 jenħtieġ ikunu jinkludu l-evidenza kollha meħtieġa għat-tqegħid fis-servizz tal-vetturi skont id-Direttiva 2008/57/KE jew għat-tqegħid fis-suq ta' vetturi skont id-Direttiva (UE) 2016/797. Għalhekk, l-applikanti jenħtieġ jitħallew jissottomettu, lill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza fl-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2a) tad-Direttiva (UE) 2016/797, l-applikazzjonijiet li jelenkaw l-evidenza skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/545. L-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza jenħtieġ jaċċettaw dawk l-applikazzjonijiet mingħajr ma jeżiġu applikazzjoni riveduta.
- (5) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/545 jenħtieġ jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 51(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

⁽¹⁾ ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.⁽²⁾ Id-Direttiva (UE) 2020/700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 li temenda d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi tat-traspożizzjoni tagħhom (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 27).⁽³⁾ Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/545 tal-4 ta' April 2018 li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-awtorizzazzjoni ta' vetturi ferrovjarji u għall-proċess tal-awtorizzazzjoni tat-tip ta' vetturi ferrovjarji skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 90, 6.4.2018, p. 66).

- (7) Biex ikun żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament jenħtieġ jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/545 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(17) ‘data rilevanti’ tfisser is-16 ta’ Ġunju 2019 fir-rigward ta’ dawk l-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u l-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797 li estendew il-perjodu tat-traspożizzjoni ta’ dik id-Direttiva. Din tfisser is-16 ta’ Ġunju 2020 fir-rigward ta’ dawk l-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797 li estendew il-perjodu tat-traspożizzjoni ta’ dik id-Direttiva u dawk li ma nnotifikawx lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2a) tad-Direttiva (UE) 2016/797. Din tfisser il-31 ta’ Ottubru 2020 fir-rigward ta’ dawk l-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2a) tad-Direttiva (UE) 2016/797 li estendew ulterjorment il-perjodu tat-traspożizzjoni ta’ dik id-Direttiva.”;

- (2) l-Artikolu 55 huwa emendat kif ġej:

- (a) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

“4a. Minkejja l-paragrafi 1 sa 4, f'dawk l-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797 u meta d-Direttiva (UE) 2016/797 għandha tapplika mis-16 ta’ Ġunju 2020, l-NSA għandha, wara talba tal-applikant, tkompli l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tat-tip ta’ vettura jew għal awtorizzazzjoni ta’ vettura għat-tqegħid fis-suq skont id-Direttiva 2008/57/KE, wara s-16 ta’ Ġunju 2020, diment li din toħroġ l-awtorizzazzjoni tat-tip tal-vettura u/jew l-awtorizzazzjoni tal-vettura qabel it-30 ta’ Ottubru 2020.

Meta NSA taġhraf li mhux se tkun tista’ toħroġ awtorizzazzjoni tat-tip ta’ vettura u/jew awtorizzazzjoni ta’ vettura qabel it-30 ta’ Ottubru 2020, din għandha tinforma lill-applikant u lill-Aġenzija minnufih u għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 4.”;

- (b) jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

“5a. Awtorizzazzjoni ta’ vettura u/jew awtorizzazzjoni tat-tip ta’ vettura maħruġa mill-Aġenzija bejn is-16 ta’ Ġunju 2020 u t-30 ta’ Ottubru 2020 għandha teskludi n-netwerk jew in-netwerks fi kwalunkwe Stat Membru li nnotifika lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2a) tad-Direttiva (UE) 2016/797. L-NSAs tal-Istati Membri li għamlu din in-notifika għandhom:

(a) jittrattaw awtorizzazzjoni tat-tip ta’ vettura maħruġa mill-Aġenzija bħala ekwivalenti għall-awtorizzazzjonijiet tat-tip ta’ vettura maħruġin skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2008/57/KE, u japplikaw il-paragrafu 3 tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2008/57/KE fir-rigward ta’ din it-tip ta’ vettura;

(b) jaċċettaw awtorizzazzjoni ta’ vettura maħruġa mill-Aġenzija bħala ekwivalenti għall-ewwel awtorizzazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 22 jew l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2008/57/KE, u joħroġu awtorizzazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 23 jew l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2008/57/KE.”;

- (c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Fil-każijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 u fil-paragrafi 5 u 5a, l-NSA għandha tikkopera u tikkordina mal-Aġenzija biex issir valutazzjoni tal-elementi stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva (UE) 2016/797.”;

- (d) jiżdied il-paragrafu 7a li ġej:

“7a. Il-vaguni tal-merkanzija konformi mal-paragrafu 7.1.2 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 321/2013 tad-WAG TSI u b'awtorizzazzjoni ta’ vettura għat-tqegħid fis-suq għandhom jiġu ttrattati bejn is-16 ta’ Ġunju 2020 u t-30 ta’ Ottubru 2020 bħala vetturi b'awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz għall-fini tad-Direttiva 2008/57/KE mill-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2a) tad-Direttiva (UE) 2016/797.”;

- (e) jiżdied paragrafu 8 ġdid:

“8. Bejn is-16 ta’ Ġunju 2020 u t-30 ta’ Ottubru 2020, fl-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2a) tad-Direttiva (UE) 2016/797, l-applikanti għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz ta’ vettura jew ta’ awtorizzazzjoni tat-tip għall-finijiet tad-Direttiva 2008/57/KE jistgħu jissottomettu fajl lill-awtorità nazzjonali tas-sikurezza, li jkun jikkonċerna vettura jew tip ta’ vettura, imfassal skont l-Artikoli 29(1) u 30(1) u skont l-Anness I.

L-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz ta' vettura jew ta' awtorizzazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament għandhom jiġu aċċettati mill-NSA għall-finijiet tad-Direttiva 2008/57/KE.”

(3) fl-Artikolu 56, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dan għandu japplika mis-16 ta' Ġunju 2019 fl-Istati Membri li ma nnotifikawx lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

Għandu japplika mis-16 ta' Ġunju 2020 fl-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797 u f'dawk li ma nnotifikawx lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2a) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

L-Artikoli 55(5a) u 55(7a) għandhom japplikaw mis-16 ta' Ġunju 2020 fl-Istati Membri kollha.

L-Artikolu 55(8) għandu japplika mis-16 ta' Ġunju 2020 fl-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2a) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

Dan ir-Regolament għandu japplika fl-Istati Membri kollha mill-31 ta' Ottubru 2020.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
